## 19 ta' Ġunju, 1964

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. J. Flores, B.L.Can, LL.D.**

Giorgia, mart Emmanuele Cachia, pr. et ne.

versus

Emmanuele Cachia.

**Ulied — Alimenti — Patria Potesta**

*F'kawża ta' alimenti m'hux bżżejjed biex il-missier jeħles mill-obbligu tiegħu versu t-tfal li jkunu miegħhom, li hu jgħid li jridhom miegħu, imma, biex jeżerċita dan ir-rikjam tat-tfal, hu għandu jagixxi b'azzjoni separata u l-Qorti allura tara l-interess suprem tat-tfal x'ikun jesiġi anzi jimponi li jsir.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina li bih l-attriċi proprio et nomine, wara li ppremettiet li l-attriċi ġiet kostretta titlaq fl'imkien ma' bintha minuri mid-

dar konjugali minħabba s-swat u t-theddid tal-konvenut, u li l-konvenut mhux qed jgħaddi alimenti lill-attriċi għaliha u għal bintha Mary, li premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni — il-konvenut jiġi kkundannat iħallas lill-attriċi, għaliha u għall-minuri Mary Cachia. bint il-kontendenti, pensjoni alimentari li għandha titħallas b'dawk ir-rati u f'dak il-ħin u post li jiġu fissati minn din il-Qorti, bl-ispejjeż kontra l-konvenut.

Rat in-nota ta' l-eċċezjonijiet tal-konvenut li biha jgħid illi l-attriċi telqet mid-dar għall-ebda raġuni tajba, u għalkemm imsejjħa biex tirritorna lura lejn id-dar konjugali, ukoll uffiċjalment, naqset milli tagħmel dan; illi in kwantu għat-tifla minuri, mingħajr preġudizju għad-drittijiet talpatria potesta tiegħu, u nonostante l-fatt li hu ħa passi legali għar-restituzzjoni ta bintu, l-attriċi naqset milli tatihielu — dan nonostante — il-konvenut regolarment bagħat lira (£1) fil-ġimgħa għall-manteniment tagħha;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-ħmistax (15) ta' Frar, 1964 li biha iddeċidiet billi laqgħet it-talba tal-attriċi proprio et nomine, u kkundannat lill-konvenut iħallas lillattriċi l-pensjoni alimentarja ta' tlett liri u ħames xelini (£3-5-0) fil-ġimgħa in kwantu għal żewġ liri u ħames xelini (£2-5-0) għall-attriċi u in kwantu għal-lira (£1) għat-tifla minuri Mary Cachia, mill-ġurnata tas-sentenza bil-quddiem u fid-dar tal-abitazzjoni tagħha. L-ispejjeż iħallashom il-konvenut, wara li kkunsidrat:—

Li mill-kompless tal-provi dina l-Qorti waslet għallkonklusjoni li l-attriċi kienet ġustifikata tabbanduna d-dar konjugali u ma terġax tirritorna nonostante l-interpellazjoni uffiċjali li saritilha min żewġha għal dana l-effett.

Li l-Qorti egħda tibbaża il-konklużjoni tagħha fuq dawna l-konsiderazzjonijiet:—

(1) Fil-kors ta' appena erba' snin żwieġ, il-konvenut abbanduna lil martu. almenu erba' darbiet, u għall-perijodi rilevanti. Imġieba simili żgur mhiex l-aħjar mezz biex tattuwixxi l-esaċerbazzjoni ta' mara miżżewġa, li tinsab ruħha weħedha, mingħajr anqas ma tista' tkun taf fejn hu żewġha u x'qiegħed jagħmel barra minn darha. Dina hija infrazjoni kontra l-obbligu tal-konvivenza bejn il-miżżewġin, li huwa a bażi tas-sokkors u tal-assistenza li l-miżżewġin għandhom jipprestaw lil xulxin.

(2) Il-konvenut ma kienx jagħti manteniment adegwat lil martu u lil bintu; jidher mill-provi li dina kienet il-kawża prinċipali tad-dissidji bejn il-kontendenti; u biex l-konvenut ikompli jurta lill-attriċi meta dina kienet titolbu l-flus, minflok ma jikkontribwixxi skond il-mezzi li rriżulta li għandu kien jgħidilha: "Jekk ma jservukx malajr issib raġel u jagħtik lira"; dawna u espressjonijiet simili kienu kwasi dejjem jirrikorru fuq ħalq il-konvenut kull darba li l-attriċi kienet tilmenta dwar in-nuqqas tal-flus avvolja żewġha kellu paga suffiċjenti biex iżommha aktar deċentement. Ġie nfatti ritenut "che l'avarizia, quando è portata agli eccessi, puo essere cagione di continue ed incessanti molestia e sevizie da rendere insopportabile la convivenza coniugale" (Kollez. IX, 418; XXVIII, II, 441, konfermata fl-appell fis-sitta ta' April, 1934).

(3) Il-konvenut kien ta' sikwit jerfa jdejh fuq martu u l-aħjar prova, il-Qorti tinduċiha mill-fatt li l-konvenut esibixxa ċertifikati mediċi fejn ried juri li martu għamlitlu xi abrasjonijiet ħfief u ta' ftit importanza. L-attriċi xeħdet taħt liema ċirkostanzi kienet kostretta tirreaġixxi għall-aggressjonijiet ta' żewġha; u għalhekk l-istess ċertifikati jippruvaw li bejn il-kontendenti kien isir ġlied, u li l-verżjoni tal-attriċi li kienet tkun aggredita hija verosimili;

(4) Irrisulta li l-konvenut kien jgħid lill-attriċi biex titlaq il-barra mid-dar; u li biex iwassalha tagħmel dana l-pass, kien qiegħed iżommilha l-flus kif qalet hija: "biex iġiegħelni nitlaq mid-dar bil-politika";

(5) Irrisulta li l-konvenut lil martu ma kienx jirrisparmjalha ebda okkażjoni biex jinġurjaha, tant li huwa f'dina l-kawża, mingħajr bżonn, issolleva s-suspett dwar Nardu u wieħed li jgħidulu il-"Body".

(6) Fl-aħħarnett irrisulta li qabel ma telqet mid-dar l-attriċi u żewġha kellhom xi jgħidu, u li żewġha tefagħha fuq is-sodda u kien sejjer jifgaha, u għeddida li jagħtiha xebgħa u li jagħmilha biċċa biċċa. . . L-għada fil-għodu wara l-ġlieda, l-inċident tal-flus għall-ħalib tat-tifla irrikolma l-misura, u l-attriċi ġustament ħasset li ma setgħetx tibqa ma raġel li jiċħad ukoll tmientax irbigħi għall-ħalib ta' bintu;

Li fil-fehma ta' dina l-Qorti l-attriċi irnexxielha tipprova l-ġusta kawża li ġiegħelitha tallontana ruħha middar konjugali, u għalhekk il-konvenut, huwa tenut imantniha skond il-liġi. A rigward tat-tifla minuri, imbagħad, li tinsab ma' ommha, ir-raġuni tal-ġusta kawża ma tapplikax, u għalhekk il-konvenut huwa tenut imantniha sakemm dina tibqa' ma' ommha. L-obbligu li l-missier imantni lil uliedu jitwieled mil-liġi, u ma jistax jiġi nieqes għall-imġieba ta' ħaddieħor, jew imħabba l-fatt li t-tifla minuri mhiex ma' missierha (art. 14(1) Kod. Ċiv.).

Li r-riferenza li għamel il-konvenut għad-drittijiet talpatria potesta tiegħu fuq bintu, ma tistax tittieħed in konsiderazzjoni għaliex ir-raġel ma jistax iwaqqaf il-ħlas ta' l-alimenti, jew jipparalizza l-kawża li tagħmel il-mara għal dawk l-alimenti, billi jgħid li jrid jirrikjama t-tfal biex jo-

qgħodu miegħu. (Kollez. XXXIII, I, 1).

Li dina l-Qorti ma hiex sejra tieħu in konsiderazzjoni fatti oħra deposti mill-kontendenti, li talvolta jistgħu iservu ta' prova f'kawża ta' separazjoni.

Li mill-mezzi li rrisultaw il-konvenut jista jgħaddi lill-attriċi għaliha u għal bintha minuri Mary, il-pensjoni alimentari ta' tlett liri u ħames xelini (£3-5-0) fil-ġimgħa, li għandha tiġi ripartita bejniethom kif sejjer jiġi provdut,

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut u l-petizzjoni tiegħu li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata u t-talba ta' l-attriċi tiġi miċħuda bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tagħha.

Rat ir-risposta ta' l-appellata li qalet illi s-sentenza ta' l-ewwel Qorti hi ġjusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħat it-trattazzjoni u kkunsidrat —

Fuq il-kwistjoni prinċipali, jekk, ċioe, l-appellata kelliex raġuni ġusta biex tallontana ruħha mid-dar konjugali u tibqa allontanata nonostante li l-appellant interpellaha biex tirritorna, din il-Qorti ma ssibx raġuni biex tiddiskosta ruħha mill-konklużżjoni raġġunta mill-ewwel Onorabbli Qorti. Mill-provi jirriżulta soddisfaċentement li bejn il-partijiet kien hemm diversi inċidenti provokata l-aktar mill-kondotta ta' l-appellant versu martu, li meħudin fil-kompless tagħhom kienu jiġġustifikawha li tħallih.

Huwa veru dak li rrileva l-appellant illi provi estranej

f'din il-kawża tista tgħid ma hemm xejn: iżda din forsi mhux sorprendenti trattandosi ta' kawża ta' din ix-xorta fejn l-inċidenti allegati ġraw fid-dar, bejn il-partijiet, fejn ħliefhom ma kienx hemm għajr it-tifla tagħhom ta' eta żgħira ħafna (erba snin) li, naturalment, ma setgħax tixhed. L-ewwel Onorabbli Qorti tat iktar kredenza lix-xhieda ta' l-appellata u din il-Qorti ma ssibx raġuni biex tiddisturba dik id-diskkrezzjoni. Iċ-ċertifikati prodotti mill-appellati ta' xi grif u abrażjonijiet żgħar li ġie li kellu m'humiex minnhom infushom inkonsistenti max-xhieda ta' l-appellata. Dina ma innegatx illi xi drabi, biex tiddefendi ruħha mill-aggressjoni ta' l-appellant, irrijaġiet u setgħat girfitu. U forsi hi ġusta ukoll l-osservazzjoni ta' l-appellata illi l-premura ta' l-appellant li kull darba jipprokura ċertifikat ta' tabib, l-aħħar wieħed fil-kors tal-kawża, fuq sempliċi grif u abrasjonijiet ta' l-iċken importanza, hu sintomatiku ta' dak li tallega l-appellata fis-sens illi l-appellant kien qiegħed jarkitetta biex jevita l-obbligu tiegħu li jmantni lill-martu.

Tibqa l-kwistjoni l-oħra ċioe jekk l-ewwel Onorabbli Qorti setgħatx takkorda alimenti għat-tifla tal-appellant li qiegħda ma l-appellata, ġa la darba hu, bħala l-missier, irid dik it-tifla miegħu. Fil-petizzjoni ta' l-appell, l-appellant invoka l-awtorita tas-sentenza riportata fil-Volum XXXVI, I, 179 fis-sens illi "meta l-ġenituri huma separati de facto, il-mara ma għandhiex dritt iżżomm jgħixu magħha t-tfal li jkunu soġġetti għall-patria potesta ta' żewġha" u kompla jissottometti illi la darba l-missier ħa passi biex bintu tiġi ritornata lilu, il-mara ma hiex intitolata li tieħu l-manteniment tat-tifla li b'liġi, għandha tkun f'idejn ir-raġel u li hija, b'vjolazzjoni ta' l-istess liġi u kontra l-volonta espressa tal-missier tkun qiegħda żżomm magħha.

Qabel ma' l-Qorti tindirizza ruħha għall-aspett legali ta'

din il-kwistjoni, tħoss li għandha tagħmel xi riljevi ta' fatt. L-ewwelnett fil-bran ċitat mill-petizzjoni hawn fuq l-appellant qal illi "la darba l-missier ħa passi biex bintu tiġi ritornata lilu" l-appellata m'hix intitolata li tieħu l-manteniment tat-tifla.

Dwar dan għandu jingħad illi l-passi kollha li ħa l-appellant biex it-tifla tiġi ritornata lilu, jikkonsistu unikament fil-fatt illi, fil-kors ta' waħda mix-xhiedet tiegħu in prim' istanza, hu qal "illi jrid li t-tifla tkun miegħu anki jekk ommha ma tridx tirritorna." Dan kollox. Mill-bqija għad illi din il-kawża ilha pendenti sena u nofs u milli jidher l-appellata kienet telqet mid-dar bit-tifla magħha xi xhur qabel, l-appellant mhux talli ma għamel xejn ġudizzjarjament biex jieħu taħt idejh it-tifla, iżda anqas jidher li qatt għamel xejn biex jara jew b'xi mod ieħor jieħu ħsiebha. Meta xehed l-appellant qal li t-tifla "ma jafx fejn hija għaliex qatt ma raha, pero jaħseb li qiegħda m'ommha."

Anki l-asserzjoni illi l-appellant "jrid t-tifla miegħu" jew li tiġi "ritornata lilu", għandha tiġi miftiehma kif spiegaha l-appellant innifsu. Manifestament hu ma jistax jieħu kura personali ta' din it-tifla żgħira. Dak li qal li jrid huwa illi "jħalliha m'oħtu jew ma' ommu ma' min qiegħed joqgħod din il-ħabta jew inkella jgħalaqa (sic) mas-sorijiet". Ebda prova ma nġiebet li omm jew oħt l-appellant huma persuni li jridu jew huma kapaċi li jieħdu kura u jrabbu din it-tifla jew li dan hu fl-interess tat-tifla.

Imbagħad l-appellant qal ukoll illi l-appellata ħadet u qiegħda żżomm it-tifla bi vjolazzjoni tal-liġi u kontra l-volonta espressa tiegħu. Ġa ġie rilevat illi skond il-provi l-appellant, f'dan iż-żmien kollu ma għamel xejn effettivament

biex din it-tifla jihodha miegħu, jew imqar biex jaraha. Iżda oltre dan l-appellata xehdet ripetutament li kien l-appellant stess li qalilha biex titlaq mid-dar, li tagħmillu pjaċir jekk titlaq, u li keċċiha. Ovvjament l-appellant ma satax ħaseb illi jekk l-appellata titlaq mid-dar, it-tifla kienet ser tħalliha warajha. Di pju l-appellata qalet ukoll li xi drabi l-appellant kien jgħidilha illi t-tifla mhix tiegħu għax kienet tixbaħ lilha tant illi hi ġie li beżgħet tavdaha miegħu.

Il-premura ta' l-appellant għat-tifla tidher mill-fatt depost mill-appellata illi saħansitra hu rrifjuta li jagħtiha tmintax irbiegħi għall-ħalib tagħha!

Iżda, b'dana kollu, l-appellant jgħid illi, bis-saħħa tal-liġi li tinvisti fih il **patria potesta**, hu, **f'din il-kawża**, għandu d-dritt jirrifjuta **l-għajxien lit-tifla** għax qiegħda m'ommha.

Fil-fehma tal-Qorti d-drittijiet li l-appellant jista għandu biex jirrikjama t-tifla taħt l-awtorita tiegħu (jekk tassew irid, u jekk dan mhux sempliċi pretest biex jinki lill-martu jew ma jmantniex lill-bintu) in virtu tal-patria potesta m'hijiex kwistjoni li tista tiġi eżaminata **f'din il-kawża**. Din it-tifla ta' erba jew ħames snin li ma taħti u ma tidħol xejn fl-inkwiet u n-nuqqas ta' qbil bejn il-ġenituri tagħha, fil-fatt dan il-mument tinsab ma' l-appellata **fejn l-appellant fil-fatt ħallieha.** Ma jmissx lilha li tirrisolvi dawk il-konflitti: imma intant trid tgħix. Hi, rapprezentata fil-kawża mill-appellata li ġiet mill-Qorti nominata kuratriċi 'ad litem' tagħha għal dan il-fini, qiegħda titlob l-alimenti minngħand l-appellant missierha, li hu l-persuna li skond il-liġi hi obbligata fl-ewwel lok li tmantniha.. Fil-fehma tal-Qorti m'hemm ebda liġi la tal-bnedmin u wisq in-

qas tan-natura li tawtorizza lill-appellant, f'dawn iċ-ċirkostanzi li jiċħdilha dak l-għajxien.

**F'din il-kawża,** fuq il-pretensjoni ta' l-appellant ibbażata fuq il-patria potesta, m'hemm ebda provvediment li l-Qorti tista tagħti. Ma tistax il-Qorti tordna lit-tifla li tmur ma missierha jew tikkundanna lill-appellata biex tirrestitwiha, mingħajr ma toħroġ għal kollox mit-termini tal-kawża. U, fil-fehma tal-Qorti, ma jagħmelx sens illi l-pretensjoni ta' l-appellant — anki kieku kienet sostenibbli — tiġi appagata biss-sostitut ta' l-esenzjoni tiegħu mill-obbligu li jmantni lil-bintu.

Hu għalhekk, fil-fehma tal-Qorti illi m'hux rilevanti għal dan il-każ il-prinċipju affermat fis-sentenza ta' din il-Qorti Vol. XXXVI, I, 179 invokata mill-appellant. Dik ma kienitx kawża ta' alimenti, iżda azzjoni esperita mill-missier direttament biex martu, separata minnu 'de facto', tiġi kundannata li tirritornalu lill-binthom. Hekk ukoll kienet il-kawża "Cassano vs. Cassano" deċiża minn din il-Qorti fit-tnejn u għoxrin (22) ta' Novembru 1963 fejn ġie riaffermat l-istess prinċipju.

Invece l-Qorti taħseb illi f'kawża bħal prezenti dak li għandu jiài rigwardat huwa li stat ta' fatt li għalih, kif ġa ntqal, l-appellant akkwiexxa għal dan iż-żmien kollu fis-sens li ġa ntqal li ma għamel xejn biex jirrikjama t-tifla. Il-mera dikjarazzjoni tiegħu, fil-kors tal-kawża, li hu jrid it-tifla miegħu (anki jekk sinċjera) weħedha ma dbiddelx dak li stat ta' fatt. Biżżejjed jiġi viżwalizzat l-assurd li jinqala kieku, sempliċement għaliex f'kawża bħal din l-appellant isemmi l-patria potesta, l-Qorti kellha tiċħad l-alimenti lit-tifla u intant hu ma jagħmel xejn biex effettivament jirrikjamaha u jħalliha m'ommha u jibqa ħieles milli jmantniha.

Hekk tidher li rraġunat din il-Qorti fil-kawża 'Magri vs. Magri" 27.1.1947 (Vol. XXXIII, I, I) ċitata fis-sentenza appellata, — li kienet kawża analoga għall-preżenti għal dak li hu l-prinċipju — fejn qalet, "għar-rikjam tat-tfal in forza tad-dritt tal-patria potesta, ma jistax il-konvenut jipparalizza kawża bħal din ta' alimenti li hija ta' natura urġenti minħabba l-oġġett tagħha: iżda għandu jaġixxi 'ope actis' biex jirrikjama tfal imorru miegħu in forza ta' dak id-dritt li tagħtih il-liġi." "Salv dejjem" -- kompljet tgħid dik is-sentenza, "l-interess tat-tfal." Fuq dan il-punt dik is-sentenza ikkomfermat dak li kienet irriteniet l-ewwel Qorti (ara Vol. XXXII, II, 466).

Fil-kawża "Dimech vs. Dimech" 20.4.1953 (Vol. XXXVII, II, 698) li kienet wkoll kawża ta' alimenti għaliha u uliedha magħmula minn mara li telqet mid-dar għal-raġuni tajba u r-raġel ukoll kien invoka l-patria potesta u d-dritt tiegħu tal-kura tat-tfal, il-Prim' Awla qalet hekk: "Ir-raġuni pretiża mill-konvenut illi huwa ma jmantnix lill-uliedu għaliex, kif issottometta fid-dikjarazzjoni, il-kura tagħhom tmiss lilu mentri dawn it-tfal qegħdha żżommhom l-attriċi li, kif xehed, ilha żmien twil ma turihomlu, anqas ma hija sostenibbli. Il-konvenut qatt ma ċċaqlaq, la biex jieħu f'idejh dik il-kura u l-anqas biex jara l-uliedu, u sakemm ma jagħmelx hekk jipprova li l-attriċi ma għandhix iżżomm taħt il-kura tagħha dawk it-tfal, jibqa jseħħ id-dmir tal-konvenut, skond il-liġi, li jgħaddi l-alimenti lill-attriċi biex dina tagħtihom lill-uliedha."

L-istess ħaġa irriteniet l-istess Qorti fil-kawża "Abela vs. Abela" 27.7.1954 (Vol. XXXVIII, II, 562), ċioe illi, f'kawża ta' alimenti m'hux biżżejjed biex il-missier jeħles mill-obbligu tiegħu versu t-tfal li jkunu m'ommhom li hu jgħid li jridhom miegħu "imma, biex jeżerċita dan ir-rikjam tat-tfal, hu għandu jaġixxi b'azzjoni separata u l-Qorti

allura tara l-interess suprem tat-tfal x'ikun jesiġi anzi jimponi li jsir."

Fl-aħħar mill-aħħar, anki kieku għal din it-tifla ta' erba snin li ommha ħaditha magħha għax l-appellat taha raġuni ġusta (kif ġie ritenut fl-ewwel parti ta' din is-sentenza) biex titlaq mid-dar konjugali, kien jista jingħad li "ħalliet id-dar ta' missierha mingħajr il-kunsens tiegħu," l-artikolu 1955 tal-Kodiċi Ċivili jagħti lill-missier id-dritt li jirrikjama imma mhux li sakemm jogħġbu li jagħmel dan iħalliha bil-ġuh jew dipendenti mill-karita privata jew l-assistenza pubblika.

Għalhekk il-Qorti ma jidhriliex illi l-aggravju ta' l-appellant fuq dan il-punt hu fondat.

Kieku anki, għall-grazzja ta' l-argument, il-kwistjoni kellha tiġi eżaminata (kif tidher li ġiet ezaminata fis-sentenza fuq citata Vol. XXXII, I, I) mill-aspett ta' l-artikolu 30 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti fil-każ prezenti, minħabba l-eta tenera tat-tifla u ċ-ċirkostanzi l-oħra fuq imsemmija ma kien ikollha ebda ezitazjoni biex tirritjeni illi hemm ġusta kawża biex l-appellant iħallas pensjoni alimentarja sakemm it-tifla tibqa ma l-omm. Fil-proċess saru xi allegazzjonijiet oskuri dwar il-kondotta ta' l-appellata fuq xi kliem jew pariri ta' nies li la issemma isimhom u wisq anqas ma xehdu fil-kawża. Fin-nuqqas ta' provi aħjar il-Qorti s'intendi ma tistax tieħu dawk l-allegazzjonijiet f'kunsiderazzjoni.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkomferma s-sentenza appellata bl-ispejjeż kontra l-appellant.